MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 11/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Philip Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-16 t'Ottubru, 2004, f'Link Up Take Away – The Strand – Sliema,

1. naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu

imhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;
2. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;
3. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jzomm kopji ta’ l-ircevuti mahruga skond it-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1 (g) tal-Hdax-il Skeda li tinsab ma’ l-istess Att u l-Artikoli 76(b) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Jannar , 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda ta’ l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta’ erbgha mija w hamsa w sittin Euro (€ 465), astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-ewwel, u sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w ikkundannatu multa ta’ tlett mija w hamsin Euro (€ 350).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Jannar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, tbiddel fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u it-tielet imputazzjoni w tilliberah minnhom, u fin-nuqqas taghti piena aktar adegwata ghac-cirkostanzi, w dan taht kull provvediment u ordni iehor li din il-Qorti joghgobha taghti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li r-reati huma preskritti. Li l-appellant kien ghamel *management agreement* ma certu Roderick Fenech ghat-tmexxija tal-fond Link Up Take Away, kif jirrizulta mix-xiehda tal-appellant u mid-dokument tat-terminazzjoni tal-ftehim li kien hemm bejnithom. Dan il-ftehim kien jistipula li l-appellant kien jithallas permezz ta' *commission* fuq il-biegh u ghaldaqstant kellu interess li jinhargu l-ircevuti. Meta saret l-*inspection* mill-ispetturi tal-VAT ma kienx prezenti l-appellant imma kien hemm certa Charlene Mercieca w bejnu w bejnha ma kien hemm ebda rabta w la kienet impjegata tieghu jew imqabbdha minnu. Ghalhekk hu ma jirrispondix ghan-nuqqas taghha skond l-artikolu 82(2) tal-Kap.406. Il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li Charlene Mercieca kienet impjegata tal-appellant jew li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu. Jekk kien hemm xi rabta, din kienet bejn Mercieca w Roderick Fenech. Inoltre, skond l-art. 82(2) dak il-principal jew persuna registrata jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b' diligenza ragonevoli jkun jaf b' dak l-eghmil jew nuqqas, ma jkunx hati ta' reat taht dak is-subartikolu. Ghalhekk minnhabba li l-appellant halla f' idejn Roderick Fenech jiggestixxi f' ismu w ghalih innifsu stess il-hanut, l-appellant qatt ma seta' jkun jaf x' eghmil jew nuqqas li kien qed isehh fl-hanut.

Illi dwar il-piena, l-appellant kellu kontra tieghu erbgha proceduri ohra simili fuq akkuzi simili w dan kien jammonta ghal reat kontinwat u ghalhekk skond gurisprudenza citata mill-appellant il-Qorti ghandha timmodera w tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.

Semghet ix-xhieda mill-gdid u rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tal-10 t' April, 2008, li bih l-appellant irtira l-aggravju tieghu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f' dan l-appell.

Rat il-verbal tal-10 t' April, 2008, li bih Dr. Galea ghall-appellant iddikjara li ma hemmx ghalfejn jixhdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni biex jigi pruvat in-nuqqas allegat minn Charlene Mercieca ghax il-fatti li jaghtu lok ghar-reati imsemmija fic-citazzjoni ma kienux kontestati *per se*. Li qed jikkontesta l-appellant kienet ir-responsabbilta' tieghu in vista tal-fatt li kien ghamel *operation agreement* ma certu Roderick Fenech li llum gie terminat. Iddikjara wkoll li l-appellant lanqas jikkontesta li mal-VAT Department baqa' jidher hu, pero' bhala persuna registrata ghall-fini tal-ligi fir-rigward tal-fatt tal-istabbliment Link-Up fix-Xatt tas-Sliema

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu wkoll li fl-erba' kazijiet li jinvolvu lil Charlene Mercieca din kienet il-habiba ta' Roderick Fenech. Dr. Galea ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci x-xhieda rapprezentanti tal-VAT Department dwar id-diversi incidenti, ghaliex, kif intqal, mhux kontestat li ma nghatawx ircevuti fl-incidenti msemmija fil-kawzi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat in-Nota tal-appellant tal-11 t' April, 2008, li biha l-appellant esebixxa kopja tal-Management Agreement maghmul bejnu w bejn Roderick Fenech u Lawrence Victor maghruf bhala Lorvic Xuereb nhar l-14 ta' Marzu, 2000. (Dok. VG1)

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Li, in vista tal-ezenzjoni tal-prosekuzzjoni milli tipproduci provi dwar l-allegati kazijiet ta' nuqqas ta' ghoti tar-ricevuti, l-unici xhieda li nstemghu quddiem din il-Qorti jistghu jigu ri-assunti kif gej:-

**Charlene Mercieca** xehdet li kienet tmur tghin lill-gharus taghha Roderick Fenech li kien jahdem fil-hanut Link Up.

Hu kien jaqdi n-nies u hi kienet tmur tghinu. Issa m'ghadhiex mieghu

**L-Appellant** xehed li l-post *de q*uo kien ilu ghandu bil-kera xi tmintax il-sena. Qabel kien bit-*tours* tal-familja w hu wara kien armah u haddmu bhala Café xi 15 il-sena ilu. Fis-sena 2000, Roderick Fenech kien qallu biex jarmawh bil-gelat li kien jaghmel dan Roderick Fenech u kien offrielu li jimmanigjah hu l-hanut ghax ix-xoghol tal-gelat kien ahjar minn tal-hobz. L-appellant accetta w ghamlu ftehim bejnithom u hu kien jiehu *commission* ta' 15% fuq il-biegh. Kienu jiltaqghu w jara mill-ircevuti x' kellu jiehu Roderick Feneck kien jiehu hsieb kollox. Kellu gelat tajjeb u l-appellant gie ahjar bil-gelat. Hu kien iffirma il-karta li hu *registered owner* mal-Vat fil-15 ta' Novembru, 1994. Lil tal-VAT ma avvzahomx li x-xoghol kien wellieh lil Roderick Fenech ghax kellu zmien ikrah dak iz-zmien. Fl-ahhar sentejn kien mietlu t-tifel u aktar tharbat u s-sena li ghaddiet hadulu lura l-post lil Fenech. Charlene u Mario qatt ma hadmu f' ismu hemmhekk. Hu ma Roderick Fenech biss kellu x' jaqsam u ma hadd aktar.

In kontroezami, qal li waqfu fl-14 ta' Frar, 2007 (fol. 26). Fl-2006 Fenech kien ha hanut naqra l-boghod biex jarmah ghalih u minn hemm beda' l-inkwiet ghax hadlu x-xoghol u beda jhalli nofs il-bank tal-gelat vojt u jbiegh mill-hanut tieghu, fejn kienet tibghathom Charlene. Roderick kien silfu xi flus u kellu jatih flus lura li Roderick kien silfu. Kien hemm hafna *trouble* iehjor bejnithom u ghalhekk hu kien hadlu l-hanut lura. Fl-ahhar sentejn ma kienx jaf x' inhu jigri.

Illi mill-ezami tal-Operation Agreement (Dok. VG1) esebit bil-permess ta' din il-Qorti jirrizulta li fl-14 ta' Marzu, 2000, l-appellant kien ghamel ftehim bi skrittura privata li permezz tieghu kien hatar lill-Roderick Fenech u lil Lawrence Victor, sive Lorvic Xuereb bhala operaturi tan-negozju tieghu ta' *confectionery* u *take-away*, taht il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm indikati w dan ghall-periodu ta' ghaxar (10) snin, li kellhom jibdew jiddekorru mill-1 t' April, 2000. In konsiderazzjoni ta' dan il-ftehim, l-operaturi kellhom ihallsu lill-appellant *management fee*

ekwivalenti ghall-25% tal-profitti grossi generati min-negozju, pagabbli kull xahar. Kellhom jinzammu kotba tal-*accounts* mill-operatur u l-operatur kellu l-obbligu li jopera w izomm *equipment* u dokumentazzjoni xierqa biex jirregistra s-*sales* korrettement u fl-ahhar tas-sena kellu jigi prezentat lill-appellant certifikat ta' awditur li juri l-profitti gross ghal dik is-sena. L-isem tal-Gelat kellu jibqa' proprjeta' tal-operatur. Kien hemm ukoll *indemnity clause* favur l-appellant ghal kull somma pagabbli mill-appellant taht xi ligi, ordni jew regolament.

Dan il-ftehim umbaghad gie xolt bl-iskrittura li ggib id-data tal-14 ta' Frar, 2007. (Dok. PC1) fejn l-appellant u martu ddikjaraw li m' ghandhom ebda pretensjoni kontra Roderick Fenech u anzi li biha kkostitwew ruhuom veri, certi w likwidi debituri tal-istess Fenech f' somma flus (li gie spjegat li kienet in konsiderazzjoni ta' restituzzjoni ta' self maghmul lill-appellant mill-istess Fenech) li giet garantita b' kambjali.

Din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex tiddubita mill-genwinita' ta' dawn iz-zewg skritturi. Konsegwentement jidher li l-allegati reati mertu ta' din il-kawza graw entro l-perijodu tal-imsemmi *operation agreement*, u cioe' meta l-gestjoni shiha tan-negozju kienet f' idejn Fenech u l-uniku dritt li kellu l-appellant kien dak li jircevi *commission* ta' 25% fuq il-*gross profit* kif fuq intqal.

Irrizulta ukoll pero' li mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-appellant tul dan il-perijodu kollu xorta baqa' jidher bhala l-persuna li applikat fuq il-formola tal-'applikazzjoni ghal registrazzjoni' kif del resto ghadha sal-lum.

Issa fil-waqt li l-Prosekuzzjoni qed issostni li una volta li l-appellant kien applika biex jirregistra n-negozju f' ismu mad-Dipartiment, jibqa responsabbli versu l-istess Dipartiment ghal kull ksur tal-ligijiet relattivi, l-appellant isostni li ladarba hu ghamel il-prova li ma kienx hu li qed jiggestixxi n-negozju, ma jistax jinstab hati ghan-nuqqas kommess minn terzi.

Fis-soluzzjoni ta' dan il-punt wiehed jista' jislet analogija minn dak li gie trattat u deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Carlo Stivala"** [20.9.2007] (per V. De Gaetano C. J.); fejn gie ritenut li minkejja li l-appellant f' dik il-kawza kien il-persuna li kien iffirma l-*application form* ghar-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT, ladarba hu kien irrizenja minn Direttur tas-socjeta' fil-frattemp, ma setax jinstab hati ta' xi ksur tal-ligi tal-VAT wara r-rizenjza tieghu minn Direttur. Ghalhekk din il-Qorti kienet irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti w lliberat lll-appellant.

Issa ghalkemm hawn non si tratta ta' direttur ta' socjeta' li rrizenja, xorta wahda saret il-prova mhux biss sal-grad tal-probabbli imma sahansitra sa grad ta' certezza morali, li fid-data msemmija fic-citazzjoni, l-gestjoni tan-negozju kienet kompletament f' idejn terza persuna w ma kienetx ghadha f' idejn l-appellant.

Issa huwa minnu li skond l-artikolu 10 (1) tal-Att XXIII tal-1998, kull persuna taxxabbli ghandha tapplika sabiex tigi registrata entro certu zmien u skond is-subartikolu (7) kull persuna hekk registrata ghandha fi zmien hmistax il-jum tavza lill-Kumissarju tal-VAT bil-waqfien jew trasferiment tal-attivita' ekoniomika jew kull bidla fic-cirkostanzi li jista' jkollha effett fuq il-partikolaritajiet dikjarati fl-applikazzjoni w konsegwentement, meta l-appellant ghamel l-*operation agreement* fuq imsemmi, imissu avvza b' dan lill-Kummissarju, pero', fl-assenza ta' xi dispozizzjoni tal-ligi li tohloq xi prezunzjoni *juris et de jure* li min ikun iffirma l-applikazzjoni tar-registrazzjoni jitqies dejjem responsabbli ghal xi ksur tal-ligi li jsir f' dak in-negozju,  dejjem ikun possibbli li dik il-persuna tressaq provi biex jezimuha mir-responsabblta' kriminali, jekk l-att inkriminat ma jkunx sar minnha jew mill-impjegati taghha.

L-appellant ma giex akkuzat talli ma avvzax lill-Kummissarju bit-trasferiment tan-negozju jew bit-tibdil fic-cirkostanzi, imma li naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali jew ricevuta ta' taxxa f' ghamla li tigi provvduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jew hu personalment jew b' responsabbilta' vikarja ghall-impjegati

tieghu jew ghal xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu w li naqas li jzomm kopji tar-ricevuri mahruga.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk stess jista' jinghid li hemm xi prezunzjoni *juris tantum* ta' responsabblta' tal-persuna li tkun applikat ghar-registrazzjoni ghal xi ksur tal-ligi, din hija ribattibbli bi prova kuntrarja - prova li f' dan il-kaz saret sal-grad mehtieg mill-ligi.

Jidher li f' dawn il-kazijiet l-ispetturi tal-VAT m' ghandhomx jillimitaw ruhom biex jikkonstataw il-ksur tal-ligi w mbaghad jipprocedu awtomatikament kontra l-persuna li tkun imliet l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni, imma jkun ferm utili li jindagaw ukoll u jistabilixxu ukoll min ikun attwalment id-detentur jew l-operatur tal-post fejn ikunu qed isiru l-provvisti taxxabbli w dan biex jigu evitati kemm jista' jkun sitwazzjonijiet bhal din in meritu, specjalment meta l-persuna li huma jsibu fuq il-post tkun differenti mill-persuna li f' isimha tkun saret l-applikazzjoini ghar-registrazzjoni.

Illi certament l-istatus guridiku ta' operatur fit-tip ta' *operation agreement* li kien jezisti ma hux dak ta' impjegat tas-sid tal-hanut u lanqas ta' persuna li qed tagixxi ghan-nom tieghu. Jidher car mill-kliem tal-ftehim li l-operatur kien qed jagixxi pjenament *a proprio titolu* bl-obbligu biss li jhallas lill-appellant kummissjoni ta' 25% fuq il-qligh gross, jekk ikollu.

Lanqas ma jirrizulta li Charlene Mercieca li kienet il-persuna li ma tatx l-ircevuta fiskali jew xort' ohra, kienet b' xi mod impjegata tal-appellant jew inkella persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu. Anzi jirrizulta proprju li din kienet l-gharusa jew il-habiba ta' l-operatur Roderick Fenech dak iz-zmien u li kienet tkun fl-istabbiliment biss biex tghin lill-habib jew gharus taghha.

Finalment, f' kull kaz l-appellant fil-fehma ta' din il-Qorti ghamel il-prova rikjesta fil-proviso tal-art. 82 (2) tal-Ligi li ma kienx jaf u li ma setax b' diligenza ragonevoli, jkun jaf bin-nuqqas kommess mit-terza persuna w li hu ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil

jew nuqqas, bil-klawsoli li hu inserixxa fl-*operation agreement.*

Ghalhekk taht ebda aspett ma jistghu l-akkuzi jinkwadraw ruhom fil-konfront tal-appellant f' dan il-kaz u ergo l-appell ghandu fic-cirkostanzi jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel wahda w tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu jhallas multa ta' Eur. 465 u in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w kkundannatu ghall-multa ta' Eur. 350 u minnflok tilliberah mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet w minn kull piena relattiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------